# KAPITOLU 84

## ORDINANZA DWAR L-ISTATISTIKA TAL- BIEDJA

*Biex tiffaċilita l-preparazzjoni ta' l-istatistika tal-biedja.*

(8 ta' Jannar, 1935)*

*L-ORDINANZA I ta' l-1935, kif emendata bl-Ordinanzi: XIX u XXII ta' l-1935; bl-Att XIX ta' l-1949; bl-Avviż Legali 4 ta' l-1963; u bl-Atti: XXIII ta' l-1966, XXXIII ta' l-1969 u XLIX ta' l-1981.*

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' din l-Ordinanza huwa l-Ordinanza dwar l-Istatistika tal-Biedja.

Tifsir. *Emendat: XIX. 1949.2; XXIII. 1966.2; XXXIII. 1969.2.*

**2.** F'din l-Ordinanza -

"raba'" ifisser ukoll kull biċċa moxa, xagħra, mergħa, ġmiem jew art li ma tinħadimx, u kull qasam tad-dwieli, taż-żebbuġ jew ta' l-agrumi u kull ġnien tal-frott jew tal-ħxejjex li jkun fih kejl ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u għoxrin metru kwadru, u kull serra tal-ħġieġ jew serra tal-*polythene* tal-kejl ta' mhux inqas minn sbatax-il metru kwadru;

"razzett" ifisser ukoll bitħa, maqjel, stalla, gorboġ, u mandra tan-ngħaġ, tal-mogħoż jew tat-tjur, u kull lok ieħor fejn soltu jinżammu bhejjem jew tjur;

"sid" ifisser ukoll id-detentur u kull min għandu l-amministrazzjoni ta' raba' jew ta' razzett, u "proprjetà" għandha tiftiehem skond hekk.

Setgħa li jintalab rapport. *Emendat: XIX. 1935.2; XXII. 1935.2; XIX. 1949.3; A.L. 408 ta' l-2007.*

**3.** (1) Id-Direttur tal-Biedja jista', f'kull żmien li jkun, b'avviż notifikat lis-sid ta' xi raba' jew razzett f'Malta, iġiegħlu jagħmel, fiż-żmien ta' mhux inqas minn sebat ijiem tax-xogħol kif ikun mogħti f'dak l-avviż, rapport li juri ħaġa b'ħaġa -

(*a*) il-kejl ta' l-art li tkun tinħadem u ta' l-uċuh li fiha;

(*b*) il-kejl ta' l-art ġmiem jew moxa;

(*ċ*) il-bhejjem miżmuma fir-raba' jew fir-razzett;

(*d*) ix-xorta tal-pussess ta' l-art;

(*e*) in-nies li qiegħed iqabbad għax-xogħol tar-raba'; u

(*f*) kull tifsir ieħor dwar il-biedja f'Malta u l-industrji li għandhom x'jaqsmu magħha kif jitlob id-Direttur tal-Biedja.

(2) Id-Direttur tal-Biedja jista', f'kull żmien li jkun, b'avviż notifikat lis-sid ta' *dairy*, ta' fabbrika ta' l-inbid jew ta' fabbrika ta' kunservi f'Malta, igiegħlu jagħmel, fiż-żmien ta' mhux inqas minn ħmistax-il jum tax-xogħol kif ikun mogħti f'dak l-avviż, rapport li juri ħaġa b'ħaġa l-irkaptu li juża u n-nies li jħaddem, il-bhejjem jew il-makni u strumenti oħra li juża u kull tifsir ieħor dwar ix-

---

**Ara* Proklama Nru. 1 tat-8 ta' Jannar, 1935.

xogħol tal-ħalib, ta' l-inbid, tal-kunservi u ta' industrji li għandhom x'jaqsmu magħhom f'Malta kif jitlob id-Direttur.

(3) Dawn ir-rapporti għandhom isiru bħal ma jingħad fl-avviż.

(4) Is-sid ta' xi raba' jew razzett illi, wara li jkun għamel rapport kif mitlub fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma jibqax, għal kull raġuni oħra barra minn dik tal-mewt, is-sid tar-raba' jew razzett li dwarhom ikun sar ir-rapport, għandu, fi żmien xahar, jirrapporta din il-ħaġa lid-Direttur tal-Biedja, u għandu jagħtih dak it-tagħrif dwar it-tibdil tas-sid skond kif jitolbu d-Direttur tal-Biedja.

Meta t-tibdil tas-sid isir minħabba l-mewt tiegħu, is-sid il-ġdid għandu jagħmel huwa dak ir-rapport u għandu huwa jagħti t-tagħrif imsemmi hawn fuq.

(5) Kull min jonqos milli jagħmel dak li jitlob is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29).

Kunsinna ta' l-avviż.

**4.** (1) Kull avviż taħt din l-Ordinanza jista' jiġi innotifikat lis-sid jew lil xi membru tal-familja tiegħu billi jingħata lilu persunalment jew jiġi mibgħut bil-posta.

(2) Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, ittra bil-posta titqies li ġiet ikkunsinnata fl-ewwel ġurnata tax-xogħol wara dik li fiha tkun ġiet impustata.

Kunsinna tar-rapport.
*Emendat: XIX. 1949.4.*

**5.** Kull rapport bil-miktub taħt din l-Ordinanza jista' jiġi kkunsinnat persunalment jew mibgħut bil-posta bla ħlas lill-persuna msemmija fl-avviż.

Segretezza tar-rapport.
*Emendat: XXXIII. 1969.3.*

**6.** Ebda rapport individwali jew parti ta' rapport magħmul taħt din l-Ordinanza ma jistgħu jiġu wżati jew ippubblikati u lanqas ma jista' jingħad x'fihom mingħajr l-awtorità tas-sid, ħlief għall-preparazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' l-istatistika tal-biedja jew għal proċedimenti taħt din l-Ordinanza:

Iżda d-Direttur tal-Biedja jista' jagħti lill-Kummissarju ta' l-Art kull informazzjoni li jkun fih rapport magħmul skond din l-Ordinanza kif jista' jkun meħtieġ sabiex tiġi stabbilita l-proprjetà jew in-natura tal-pussess ta' raba' jew razzett.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.
*Emendat: XIX. 1949.5; A.L. 4 ta' l-1963.*

**7.** Il-Ministru responsabbli għall-biedja jista' jagħmel, ibiddel u jħassar regolamenti għall-esekuzzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza. Bla ħsara għall-ġeneralità tad-disposizzjoni fuq imsemmija, f'dawn ir-regolamenti jista' jkun hemm disposizzjoni li ġġiegħel li d-dokumenti msemmija hemmhekk jitqiegħdu quddiem id-Direttur tal-Biedja.

Reati u Pieni.
*Emendat: XLIX. 1981.4; A.L. 408 ta' l-2007.*

**8.** Kull min -

(*a*) jirrifjuta jew mingħajr raġuni tajba jonqos li jagħmel, mill-aħjar li jaf u li jista', rapport meħtieġ taħt din l-Ordinanza; jew

(*b*) jagħmel jew iġiegħel lil min jagħmel rapport falz f'xi partikolarità; jew

(*ċ*) juża, jippubblika, jew juri x'fih, b'kontravvenzjoni għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, rapport individwali jew parti ta' rapport li jkun ġie jaf bih minħabba l-kariga tiegħu,

jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) jew, jekk il-qorti tkun ta' fehma li r-reat sar doložament, multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) jew il-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur.